**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/2054(INI)**

13.11.2024

# EMENDI
# 1 - 314

**Abbozz ta' rapport**
**Anouk Van Brug**
(PE765.056v01-00)

Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 2024
(2024/2054(INI))

**Emenda 1**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tal-11 ta' Diċembru 2018, il-kawża C- 493/17, Weiss u Oħrajn,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tas-16 ta' Ġunju 2015, il-kawża C-62/14, Peter Gauweiler u Oħrajn vs Deutscher Bundestag,*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi (2022/2653(RSP)),*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Pjan għall-Klima u n-Natura 2024–2025 tal-BĊE,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 26a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima,*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi, skont ***il-projezzjonijiet makroekonomiċi ta' Settembru 2024 mill-persunal tal-Eurosistema għaż-żona tal-euro***, l-inflazzjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) laħqet ***livell*** ta' 1,7 % fiż-żona tal-euro f'Settembru 2024; | A. billi, skont ***l-Eurostat***, l-inflazzjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) laħqet ***il-livell*** ta' 1,7 % fiż-żona tal-euro f'Settembru 2024; |

Or. en

**Emenda 8**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-inflazzjoni ġenerali fiż-żona tal-euro kienet ta' 2,9 % f'Settembru 2023 meta mqabbla ma' 9,2 % f'Diċembru 2022, li juri tnaqqis dejjem aktar ġeneralizzat fid-diversi komponenti u total ta' -6,3 punti perċentwali;*** |

Or. es

**Emenda 9**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-inflazzjoni tal-HICP hija mistennija tiżdied kemxejn fl-aħħar kwart tal-2024, qabel ma tonqos għal 2,2 % fl-2025 u ***għal*** 1,9 % fl-2026[4]; | B. billi***, skont il-projezzjonijiet makroekonomiċi tal-persunal tal-Eurosistema ta' Settembru 2024 għaż-żona tal-euro,*** l-inflazzjoni tal-HICP hija mistennija tiżdied kemxejn fl-aħħar kwart tal-2024, qabel ma tonqos għal 2,2 % fl-2025 u 1,9 % fl-2026[4]; |
| 4 https://www.ecb.europa.eu/press/projections/html/ecb.projections202409_ecbstaff~9c88364c57.en.html#toc6. | 4 https://www.ecb.europa.eu/press/projections/html/ecb.projections202409_ecbstaff~9c88364c57.en.html#toc6. |

Or. en

**Emenda 10**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-inflazzjoni tal-HICP hija mistennija tiżdied kemxejn fl-aħħar kwart tal-2024, qabel ma ***tonqos għal 2,2 % fl-***2025 u ***għal*** 1,9 % fl-2026[4]; | B. billi l-inflazzjoni tal-HICP hija mistennija tiżdied kemxejn fl-aħħar kwart tal-2024, qabel ma ***tilħaq il-mira ta' inflazzjoni ta' 2 % fir-raba' kwart tal-***2025 u 1,9 % fl-2026[4]; |
| 4 https://www.ecb.europa.eu/press/projections/html/ecb.projections202409_ecbstaff~9c88364c57.en.html#toc6. | 4 https://www.ecb.europa.eu/press/projections/html/ecb.projections202409_ecbstaff~9c88364c57.en.html#toc6. |

Or. en

**Emenda 11**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi, minkejja din ix-xejra 'l isfel, ir-rata tal-inflazzjoni qed tkompli tkun il-medja ta' diversità ta' sitwazzjonijiet li jvarjaw minn rati ta' 0 % sa 4,3 % minn pajjiż għal ieħor; billi din id-diversità tidher ukoll fid-diversi segmenti tal-HICP;*** |

Or. pt

**Emenda 12**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-inflazzjoni ġenerali tal-HICP fiż-żona tal-euro kienet ta' 2,9 % f'Diċembru 2023, li hija 6,3 punti perċentwali inqas milli kienet f'Diċembru 2022;*** |

Or. es

**Emenda 13**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-objettiv primarju tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li huwa ddefinixxa bħala livell ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq ***terminu*** medju; | C. billi l-objettiv primarju tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, li huwa ddefinixxa bħala livell ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq ***it-terminu*** medju; ***billi l-mandat sekondarju tal-BĊE jirrikjedilu, mingħajr preġudizzju għall-mandat primarju tiegħu, li jappoġġja l-objettivi ekonomiċi ġenerali fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-BĊE ***huwa politikament indipendenti***, li jfisser li la l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea ***(UE)*** u lanqas il-gvernijiet tal-Istati Membri ma għandhom ***jipprovaw*** jinfluwenzawh; | D. billi l-BĊE ***jista' jieħu deċiżjonijiet biex jissodisfa l-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet mingħajr indħil politiku għajr li jinżamm responsabbli***, li jfisser li la l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea u lanqas il-gvernijiet tal-Istati Membri ma għandhom ***jippruvaw*** jinfluwenzawh; |

Or. es

**Emenda 15**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***E. billi l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| E. billi l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***deċiżjonijiet*** politiċi; | E. billi l-indipendenza politika tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***azzjonijiet*** politiċi***, inkluż li jagħti struzzjonijiet lill-gvernijiet nazzjonali għal miżuri speċifiċi ta' politika fiskali u strutturali***; |

Or. en

**Emenda 17**
**Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Carla Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu l-finanzjament monetarju tal-gvernijiet;*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 18**
**Irene Tinagli, Evelyn Regner, Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu l-finanzjament monetarju tal-gvernijiet; | F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu l-finanzjament monetarju ***dirett*** tal-gvernijiet; ***billi l-BĊE jista' jixtri titoli ta' dejn fis-suq sekondarju jekk dan ikun meħtieġ biex isegwi l-objettivi tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu ***l-finanzjament monetarju tal-gvernijiet***; | F. billi l-Artikolu 123 tat-TFUE u l-Artikolu 21 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprojbixxu ***lill-BĊE milli jixtri strumenti ta' dejn b'mod dirett mill-gvernijiet***; |

Or. en

**Emenda 20**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi fl-2021 il-Bank tal-Poplu taċ-Ċina (PBOC) introduċa Faċilità għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Karbonju (CERF) li tippermetti lill-banek jissellfu b'rata preferenzjali ta' 1,75 % għal ammont li jikkorrispondi għal 60 % tal-volum ta' self tagħhom maħruġ bħala appoġġ għat-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-BĊE għandu jippromwovi l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-UE u*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'hekk jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TFUE;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-Eurosistema tal-euro nbniet fuq il-prinċipju tad-dominanza monetarja;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fb. billi fl-2022 il-Bank tal-Ġappun vara l-programm "Transactions for Climate Response Financing Operations" (Tranżazzjonijiet għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tar-Rispons għall-Klima) li permezz tiegħu l-banek Ġappuniżi setgħu jissellfu b'rata ta' 0 % 11,963-il biljun yen;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-pagamenti prinċipali minn titoli li jimmaturaw mixtrija taħt il-programm ta' xiri ta' assi (APP)***, u minn Jannar 2025*** taħt il-programm ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP)***, ma għadhomx*** jiġu investiti ***kollha mill-ġdid***; | G. billi l-pagamenti prinċipali minn titoli li jimmaturaw mixtrija taħt il-programm ta' xiri ta' assi (APP) ***ma għadhomx jiġu investiti mill-ġdid u l-pagamenti prinċipali minn titoli li jimmaturaw mixtrija*** taħt il-programm ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP) ***mhux se jibqgħu*** jiġu investiti ***mill-ġdid minn Jannar 2025 'il quddiem***; |

Or. en

**Emenda 25**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi r-riżervi bankarji miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-BĊE kienu jammontaw għal EUR 4,3 triljun f'Ġunju 2023;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Gb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Gb. billi l-BĊE, bħall-banek ċentrali ewlenin, iħallas l-imgħax fuq il-parteċipazzjonijiet ta' riżervi bankarji tal-banek kummerċjali u, konsegwentement,*** |

| | |
|---|---|
| | ***fl-ambitu tal-pożizzjoni politika attwali tiegħu, jagħmel pagamenti tal-imgħax kbar lill-banek kummerċjali; billi kien biss f'dawn l-aħħar għoxrin sena li l-biċċa l-kbira tal-banek ċentrali bdew jirremuneraw ir-riżervi tal-banek kummerċjali;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi ***l-euro hija*** t-tieni l-aktar munita importanti globalment, b'marġni sinifikanti ***wara d-dollaru*** Amerikan, minkejja d-daqs ekonomiku taż-żona tal-euro fil-kummerċ globali; | H. billi ***l-valur estern tal-euro ddeterjora mill-2020 'il hawn għalkemm jibqa'*** t-tieni l-aktar munita importanti globalment, ***u waqa' lura*** b'marġni sinifikanti ***f'dawk li huma influwenza u użu meta mqabbel mad-dollaru*** Amerikan, minkejja d-daqs ekonomiku taż-żona tal-euro fil-kummerċ globali; |

Or. es

**Emenda 28**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-euro ***hija*** t-tieni l-aktar munita importanti globalment***, b'marġni sinifikanti wara d-dollaru Amerikan, minkejja d-daqs ekonomiku taż-żona tal-euro fil-kummerċ globali***; | H. billi l-euro ***huwa*** t-tieni l-aktar munita importanti globalment; |

Or. en

**Emenda 29**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi l-valur tal-euro kontra d-dollaru ddeterjora b'mod konsiderevoli minn tmiem l-2020 'il hawn; billi d-derivattivi tal-enerġija huma nnegozjati f'dollari u waqgħa fir-rata tal-kambju tal-euro kontra d-dollaru tkompli tikkontribwixxi għall-inflazzjoni;*** |

Or. nl

**Emenda 30**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-BĊE ***huwa responsabbli quddiem il-Parlament*** bħala l-istituzzjoni tal-UE li tirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE; | I. billi l-BĊE ***jeħtieġlu jara li jżomm kooperazzjoni ġusta u trasparenti mal-Parlament*** bħala l-istituzzjoni tal-UE li tirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE; ***billi din il-kooperazzjoni baqgħet tinżamm fl-ogħla livell, bl-organizzazzjoni regolari tad-Djalogu Monetarju, il-parteċipazzjoni regolari tal-President tal-BĊE fis-seduti plenarji tal-Parlament u d-diversi żjarat u laqgħat bejn il-Membri tal-Parlament u l-membri tal-bord tal-BĊE;*** |

Or. pt

**Emenda 31**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament ***bħala l-istituzzjoni tal-UE li tirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE***; | I. billi l-BĊE huwa responsabbli quddiem il-Parlament ***Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri***; |

Or. es

**Emenda 32**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi, mingħajr preġudizzju għall-objettiv primarju tal-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE għandu wkoll jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bil-għan li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE;*** |

Or. it

**Emenda 33**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi d-deċiżjonijiet tal-BĊE għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi ekonomiċi u finanzjarji u projezzjonijiet żviluppati u studjati mill-istituzzjoni sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu mirfuda b'solvenza robusta;*** |

Or. es

**Emenda 34**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jirrifletti żbilanċ bejn is-sessi; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-bilanċ bejn is-sessi permezz ta' rappreżentanza ugwali tal-gvernaturi rispettivi;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; ***jenfasizza kemm hu importanti l-mandat sekondarju li għandu l-BĊE li jippromwovi l-objettivi ekonomiċi ġenerali tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE, li jinkludu l-livell massimu ta' impjiegi, il-progress soċjali u l-protezzjoni ambjentali; billi l-mandat tal-BĊE, kif definit mill-objettivi tiegħu, huwa stabbilit fl-Artikolu 127 tat-TFUE u għalhekk huwa legalment vinkolanti;*** |

Or. en

**Emenda 36**

**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro***, filwaqt li jqis ukoll il-benesseri ekonomiku usa' tal-UE, inkluż it-tkabbir ekonomiku fejn ikun kompatibbli mal-mandat tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 37**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja ***u finanzjarja tal-euro; jappoġġja l-għan tal-BĊE li jieħu azzjoni fejn ikun meħtieġ biex jissalvagwardja l-istabbiltà***; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; |

Or. it

**Emenda 38**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-*** | 1. ***Jissottolinja li l-BĊE huwa l-*** |

| | |
|---|---|
| ***salvagwardja*** tal-istabbiltà ***monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli biex iżżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro***; | ***istituzzjoni responsabbli miż-żamma*** tal-istabbiltà ***tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; barra minn hekk, huwa tal-fehma li ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet hija kundizzjoni neċessarja għat-twettiq tal-objettivi politiċi l-oħra tal-UE***; |

Or. nl

**Emenda 39**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro ***u li din l-istabbiltà ma tistax tiġi affettwata minn objettivi sekondarji***; |

Or. es

**Emenda 40**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa' r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja***, li hija prekundizzjoni meħtieġa għat-tkabbir u l-istabbiltà ekonomika***; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; |

Or. en

**Emenda 41**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa’ r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***biex iżżomm l-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro; | 1. Jilqa’ r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli ***miż-żamma tal-istabbiltà*** tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro ***b’appoġġ għal tkabbir ekonomiku stabbli u prevedibbli***; |

Or. en

**Emenda 42**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jilqa’*** r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; ***jissottolinja li l-BĊE huwa l-istituzzjoni responsabbli biex iżżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro***; | 1. ***Jinnota*** r-rwol tal-BĊE fis-salvagwardja tal-istabbiltà monetarja; ***jenfasizza r-rwol tal-BĊE fl-appoġġ tal-għanijiet tal-politika ekonomika tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 43**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza li l-istabbiltà tal-prezzijiet hija prerekwiżit biex il-BĊE iwettaq il-mandat tiegħu li jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni, bħat-tkabbir ekonomiku, ir-rispett għall-*** |

***ekonomija tas-suq u l-kompetizzjoni ħielsa, li għandhom l-għan li jiksbu l-livell massimu ta' impjiegi, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-koordinazzjoni tal-politika monetarja u l-funzjonament xieraq tal-finanzi pubbliċi;***

Or. es

**Emenda 44**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Ifakkar li l-istabbiltà tal-prezzijiet hija essenzjali biex jiġu attirati l-investimenti, jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku, jinħolqu l-impjiegi, jiġu żviluppati proġetti ġodda ta' investiment u jsir kontribut għall-prosperità ekonomika fit-tul;*** |

Or. es

**Emenda 45**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jitlob li l-implimentazzjoni rapida tar-riżorsi disponibbli taħt in-NextGenerationEU tingħata prijorità fost il-politiki ekonomiċi tal-Unjoni, sabiex dawn jilħqu n-nisġa produttiva, l-ekonomija reali. Dan jirrikjedi kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex jiġi vvalutat l-impatt tar-riformi marbuta*** |

***mal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi amministrattivi biex jiġi ffaċilitat l-investiment u jiġu ċċirkumventati l-ostakli burokratiċi li jagħmlu l-aċċess għall-fondi aktar diffiċli; jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċess għad-data dwar ir-riċevituri finali u dwar it-trasferimenti. Fil-qosor, biex jiġu implimentati l-miżuri li se jbiddlu t-triq segwita s'issa u jiksbu l-impatt ekonomiku mistenni meta tfassal dan il-pjan storiku ta' stimolu ekonomiku;***

Or. es

**Emenda 46**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1d. Il-BĊE, bħall-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea, għandu jistabbilixxi bħala waħda mill-prijoritajiet il-ġodda tiegħu għall-azzjoni l-implimentazzjoni rapida tar-riżorsi kollha disponibbli. Quddiem sensiela ta' kriżijiet ekonomiċi, flimkien mat-tranżizzjonijiet li għaddejjin bħalissa u l-konsegwenzi soċjali, il-gwerer u l-katastrofi naturali u tas-saħħa li dawn jinvolvu, iċ-ċittadini jeħtieġu reazzjonijiet rapidi u immedjati biex ikunu jistgħu jittaffew l-effetti ta' dawn il-problemi serji. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu analizzati u evalwati l-għadd kbir ta' programmi, fondi u għajnuna Ewropej eżistenti, li, mhux talli ma jaħdmux b'mod koordinat, imma jwasslu għal konġestjonijiet amministrattivi u duplikazzjoni, bir-riżultat aħħari ta' rati baxxi ta' implimentazzjoni u dewmien fil-wasla tal-fondi. L-effiċjenza fil-ġestjoni ta' dawn il-programmi, il-komunikazzjoni effettiva tal-kontenut tagħhom liċ-ċittadini Ewropej u lis-setturi affettwati, il-ħidma kkoordinata bejn il-programmi u*** |

***l-amministrazzjonijiet b'kompetenzi differenti u l-ħolqien ta' għodod ġodda ta' ġestjoni li jagħmlu t-trasferimenti bejn il-programmi aktar flessibbli, kif ukoll l-allokazzjoni tar-riżorsi lejn it-territorji jew is-setturi affettwati, għandhom ikunu prijoritajiet ekonomiċi għall-istituzzjonijiet Ewropej;***

Or. es

**Emenda 47**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit ***għalih*** biex iwettaq il-mandat tiegħu; | 2. Jissottolinja li l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati, hija prerekwiżit biex iwettaq il-mandat tiegħu***, li huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi***; |

Or. es

**Emenda 48**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jissottolinja li*** l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati***, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu***; | 2. ***Jinnota*** l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati; |

Or. en

**Emenda 49**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jissottolinja ***li*** l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati***, hija prerekwiżit għalih biex iwettaq il-mandat tiegħu***; | 2. Jissottolinja l-indipendenza statutorja tal-BĊE, kif stabbilita fit-Trattati; |

Or. en

**Emenda 50**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; ***jenfasizza li l-indipendenza tal-BĊE tmur kontra l-mandat sekondarju tiegħu, li huwa li jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bl-għan li jikkontribwixxi għall-ilħiq tal-objettivi politiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE;*** |

Or. nl

**Emenda 51**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE ***min-naħa tiegħu*** joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; ***jilqa' l-kooperazzjoni istituzzjonali, u b'hekk jenfasizza l-importanza tal-livell korrispondenti ta' responsabbiltà lejn il-Parlament Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; ***jisħaq*** li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE ***min-naħa tiegħu*** joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; ***jenfasizza*** li din l-indipendenza ***għalhekk*** tirrikjedi li l-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi ***u jiddedika r-riżorsi kollha tiegħu għall-objettiv primarju tiegħu tal-istabbiltà tal-prezzijiet u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi***; |

Or. es

**Emenda 53**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE***, li għandu*** | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE; jisħaq li din |

| | |
|---|---|
| ***jibqa' imparzjali***; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu ***deċiżjonijiet*** politiċi; | l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu ***azzjonijiet*** politiċi***, inkluż li jagħti struzzjonijiet lill-gvernijiet nazzjonali għal miżuri speċifiċi ta' politika fiskali u strutturali***; |

Or. en

**Emenda 54**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi ***inklużi politiki dwar il-klima u għalhekk li jżomm mal-prinċipju tan-newtralità tas-suq***; |

Or. en

**Emenda 55**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jenfasizza*** l-importanza ***tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi***; | 3. ***Jisħaq fuq*** l-importanza ***tar-responsabblità tal-BĊE lejn il-Parlament Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 56**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi; | 3. Jenfasizza l-importanza tal-indipendenza politika tal-BĊE, li għandu jibqa' imparzjali; jisħaq li din l-indipendenza tirrikjedi li l-BĊE min-naħa tiegħu joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politiċi ***barra mill-mandat tiegħu***; |

Or. es

**Emenda 57**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistieden lill-BĊE u lill-Parlament Ewropew jagħmlu użu sħiħ mill-arranġamenti ta' responsabbiltà u trasparenza u, fejn possibbli, ikomplu jsaħħu dawn l-arranġamenti, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-BĊE; jistieden lill-BĊE isaħħaħ id-djalogu mal-parlamenti nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. jenfasizza li t-twettiq ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***operazzjonijiet monetarji b'mod newtrali għas-suq isegwi b'mod loġiku mill-prinċipju tal-indipendenza tal-bank ċentrali; jenfasizza li d-devjazzjoni minn dan il-prinċipju timplika li l-BĊE jibbenefika parteċipant fis-suq wieħed fuq l-ieħor abbażi tal-preferenzi tiegħu stess;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jirrikonoxxi l-fatt li filwaqt li politika monetarja stretta tista' tkun effettiva meta l-inflazzjoni tkun ġejja b'mod predominanti minn fatturi ta' domanda bħat-tkabbir eċċessiv fil-pagi, il-konsum jew l-infiq tal-baġits pubbliċi, l-impatt tagħha jista' jkun aktar limitat meta jkunu qed jiġu indirizzati x-xokkijiet fil-provvista;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jissottolinja li t-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-kriżi klimatika u ambjentali jaffettwaw il-mekkaniżmu tal-formazzjoni tal-prezzijiet billi jfixklu l-provvista f'setturi sistemikament sinifikanti bħall-enerġija, l-ikel u l-infrastruttura*** |

| | |
|---|---|
| | ***kummerċjali; jinsab imħasseb li bħala rispons għax-xokkijiet aktar frekwenti fil-provvista, id-ditti jikkoordinaw iż-żidiet fil-prezzijiet biex jipproteġu u saħansitra jżidu l-marġnijiet tal-profitt li jxerrdu u jamplifikaw ix-xokkijiet settorjali; jitlob, f'dan ir-rigward, qafas ġdid ta' governanza tal-inflazzjoni li jkun jikkoordina firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u oqsma ta' politika inklużi l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, fiskali, tal-politika monetarja u tal-istatistika biex jipprevjenu u jimmitigaw tali tfixkil;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jesprimi dispjaċir li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 % f'xi Stati Membri; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi***; | 5. ***Jenfasizza li l-inflazzjoni għolja hija ta' detriment speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx li jbatu mill-prezzijiet għoljin tal-ikel u tal-enerġija; jisħaq li l-livell eċċezzjonali ta' inflazzjoni esperjenzat fiż-żona tal-euro fl-2022 u l-2023 ma kienx xprunat minn fatturi tad-domanda iżda mix-xokkijiet għall-ekonomija min-naħa tal-provvista; jenfasizza l-ineffettività tal-politika monetarja fir-rigward tax-xokkijiet min-naħa tal-provvista u l-ħtieġa li jintużaw mezzi oħra ta' politika ekonomika, bħall-kontrolli tal-prezzijiet, biex il-prezzijiet għolja jitnaqqsu***; |

Or. en

**Emenda 62**
**Bruno Gonçalves, Carla Tavares, Francisco Assis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jesprimi dispjaċir li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 % f'xi Stati Membri; jenfasizza*** li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; | 5. ***Ifaħħar lill-BĊE talli ġab l-inflazzjoni konformi mal-mira tiegħu; jenfasizza l-iżvantaġġi tar-rati tal-imgħax għoljin, b'mod partikolari l-effetti restrittivi tagħhom fuq l-introjtu disponibbli; jinnota*** li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; |

Or. en

**Emenda 63**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Gerben-Jan Gerbrandy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jesprimi dispjaċir li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 % f'xi Stati Membri;*** jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura ***allokazzjoni*** effiċjenti tar-riżorsi; | 5. Jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura ***l-allokazzjoni*** effiċjenti tar-riżorsi; |

Or. en

**Emenda 64**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jesprimi dispjaċir li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal- | 5. Jesprimi dispjaċir li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal- |

| | |
|---|---|
| BĊE ta' 2 % f'xi Stati Membri; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; | BĊE ta' 2 % f'xi Stati Membri; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi ***u għandha impatt negattiv fuq l-istabbiltà ekonomika***; |

Or. es

**Emenda 65**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jesprimi dispjaċir li l-livelli*** ta' inflazzjoni ***għadhom ogħla*** mill-mira tal-BĊE ta' 2 % ***f'xi Stati Membri***; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; | 5. ***Jieħu nota tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livelli*** ta' inflazzjoni ***ogħla/aktar baxxi*** mill-mira tal-BĊE ta' 2 %; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; |

Or. es

**Emenda 66**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jesprimi dispjaċir*** li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 % ***f'xi Stati Membri***; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; | 5. ***Jinnota*** li l-livelli ta' inflazzjoni għadhom ogħla mill-mira tal-BĊE ta' 2 %; jenfasizza li l-inflazzjoni tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-introjti fissi, it-tfaddil u l-pensjonijiet u li tfixkel il-funzjoni ta' sinjalar tal-prezzijiet li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; |

Or. en

**Emenda 67**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jisħaq li kemm il-politika monetarja kif ukoll dik fiskali għandhom jaħdmu flimkien biex jgħinu liċ-ċittadini u lill-unitajiet domestiċi Ewropej, kif ukoll lin-negozji ż-żgħar li l-aktar li qed jintlaqtu ħażin mill-kriżi ġeopolitika li għaddejja bħalissa;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza li livelli għolja ta' inflazzjoni għandhom effett sproporzjonat fuq l-unitajiet domestiċi li għandhom introjtu aktar baxx, li jonfqu proporzjon ogħla mill-baġit tagħhom fuq il-ħtiġijiet;*** |

Or. nl

**Emenda 69**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Niels Fuglsang, Matthias Ecke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jisħaq li l-inflazzjoni kkawżat "kriżi tal-għoli tal-ħajja" għaċ-ċittadini tal-UE, u jenfasizza għalhekk l-imperattività li l-inflazzjoni titrażżan għar-rata ta' inflazzjoni sottostanti mixtieqa tagħha ta' 2 %;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Francisco Assis, Jonás Fernández, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jesprimi dispjaċir li l-inflazzjoni bażi għadha għolja, b'żewġ Stati Membri biss taż-żona tal-euro jirrapportaw rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jesprimi dispjaċir li l-inflazzjoni bażi għadha għolja, b'żewġ Stati Membri biss taż-żona tal-euro jirrapportaw rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; | 6. Jesprimi dispjaċir li l-inflazzjoni bażi għadha għolja, b'żewġ Stati Membri biss taż-żona tal-euro jirrapportaw rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; ***ifakkar li din is-sitwazzjoni tiġġenera inċertezza ekonomika, tiskoraġġixxi l-iffrankar u żżid l-ispejjeż tal-għajxien taċ-ċittadini, li jaffettwaw b'mod partikolari lil dawk bi dħul fiss u limitat, li jista' jwassal għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***aspettattivi ta' inflazzjoni, li jsostnu ċiklu ta' żidiet fil-prezzijiet u jimminaw l-istabbiltà ekonomika;*** |

Or. es

**Emenda 72**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jesprimi dispjaċir*** li l-inflazzjoni ***bażi għadha għolja, b'żewġ Stati Membri biss taż-żona tal-euro jirrapportaw rati*** ta' inflazzjoni ***sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024***; | 6. ***Jinnota*** li l-inflazzjoni ***fiż-żona tal-euro f'Ottubru 2024 kienet ta' 2,0 %, proporzjonata mal-mira*** ta' inflazzjoni ***tal-BĊE ta' 2 % fuq it-terminu medju; jenfasizza l-istat fraġli tal-ekonomija Ewropea u jesprimi tħassib dwar pożizzjoni restrittiva żżejjed tal-politika monetarja tal-BĊE***; |

Or. en

**Emenda 73**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Gerben-Jan Gerbrandy, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jesprimi dispjaċir*** li l-inflazzjoni ***bażi*** għadha għolja***, b'żewġ Stati Membri biss taż-żona tal-euro jirrapportaw rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2*** % f'Settembru 2024; | 6. ***Jiddispjaċih*** li l-inflazzjoni ***sottostanti*** għadha għolja ***fiż-żona tal-euro (2,7*** % f'Settembru 2024***)***; |

Or. en

**Emenda 74**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jesprimi dispjaċir li l-inflazzjoni ***bażi*** għadha għolja***, b'żewġ*** Stati Membri biss taż-żona tal-euro ***jirrapportaw*** rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; | 6. Jesprimi dispjaċir li l-inflazzjoni ***sottostanti xorta*** għadha għolja ***wisq, fejn żewġ*** Stati Membri biss taż-żona tal-euro ***irrapportaw*** rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; |

Or. en

**Emenda 75**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jesprimi dispjaċir*** li l-inflazzjoni ***bażi*** għadha għolja, ***b'żewġ*** Stati Membri biss taż-żona tal-euro ***jirrapportaw*** rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; | 6. ***Ifakkar*** li l-inflazzjoni ***sottostanti*** għadha għolja, ***fejn żewġ*** Stati Membri biss taż-żona tal-euro ***rrapportaw*** rati ta' inflazzjoni sottostanti taħt it-2 % f'Settembru 2024; |

Or. es

**Emenda 76**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota x-xejra 'l isfel fl-inflazzjoni taż-Żona tal-Euro; jesprimi tħassib, madankollu, dwar l-għoli tal-ħajja u l-prezzijiet għolja tal-ikel u tal-enerġija u r-riskju pożittiv fuq il-prezzijiet li jirriżultaw, pereżempju, minn gwerra kummerċjali possibbli;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *7.* ***Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali;*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 78**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *7.* ***Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 79**

**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati*** tal-imgħax ***malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali***; | 7. ***Jistieden lill-BĊE jbaxxi b'mod kostanti r-rati*** tal-imgħax***, filwaqt li jqis il-prinċipji prudenzjali li dejjem jeħtieġ li jipprevalu f'sistema li tinkludi kemm l-istabbiltà monetarja kif ukoll l-appoġġ għall-ekonomija***; |

Or. it

**Emenda 80**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq*** li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 ***minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali***; | 7. ***Jinnota*** li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024***, qabel ma jerġgħu jonqsu fl-2025***; |

Or. en

**Emenda 81**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; | 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; ***jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni u li volatilità żejda fir-rati tal-inflazzjoni tista' ġġib magħha distorsjoni fl-aspettattivi tal-inflazzjoni;*** jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; |

Or. en

**Emenda 82**
**Bruno Gonçalves, Carla Tavares, Francisco Assis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax ***malajr*** wisq, minħabba ***r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu***; jisħaq li l-BĊE ***nnifsu qed jistenna*** żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; | 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax ***bil-mod*** wisq, minħabba ***l-impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' self tal-unitajiet domestiċi u l-kapaċità ta' min jissellef li jħallas lura d-dejn, b'mod partikolari fir-rigward tas-self għall-akkomodazzjoni, iżda wkoll il-prospetti ta' tkabbir aktar baxxi għaż-żona tal-euro***; jisħaq li l-BĊE ***stenna biss*** żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; |

Or. en

**Emenda 83**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iwissi lill-BĊE ***kontra t-tentazzjoni li jnaqqas*** ir-rati tal-imgħax ***malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu;*** jisħaq li ***l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024*** minħabba ***li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija*** baxxa ***r-rati annwali***; | 7. Iwissi lill-BĊE ***li jekk iżomm*** ir-rati tal-imgħax ***għoljin tista' ssir ħsara lit-tkabbir ekonomiku; fil-fatt, id-data tindika livelli baxxi ħafna ta' tkabbir tal-kreditu u tas-self ipotekarju. Barra minn hekk,*** jisħaq li ***bħalissa jista' jkun hemm riskji kemm ta' inflazzjoni ogħla milli mistenni,*** minħabba ***tensjonijiet ġeopolitiċi u l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-produzzjoni tal-ikel, kif ukoll inflazzjoni*** baxxa ***żżejjed jekk ir-ritmu tal-ekonomija jbatti***; |

Or. en

**Emenda 84**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax ***malajr*** wisq, minħabba ***r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali***; | 7. Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax ***bil-mod*** wisq, minħabba ***l-perspettiva ekonomika inċerta fiż-żona tal-euro u d-dgħufijiet sottostanti tal-ekonomija Ewropea, bħal investimenti baxxi u domanda aggregata insuffiċjenti; jissottolinja l-effetti negattivi fuq l-impjiegi li jirriżultaw minn rati tal-imgħax għoljin u politika monetarja restrittiva żżejjed***; |

Or. en

**Emenda 85**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Iwissi lill-BĊE kontra t-tentazzjoni li jnaqqas ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali***; | 7. ***Jirrikonoxxi li d-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja meħuda mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE sa mill-kriżi ta' inflazzjoni li rriżultat miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija poġġew l-inflazzjoni fuq perkors li huwa kompatibbli mal-ksib tal-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet, filwaqt li jevita deterjorament serju fl-attività ekonomika jew l-impjiegi***; |

Or. es

**Emenda 86**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iwissi lill-BĊE ***kontra t-tentazzjoni li jnaqqas*** ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; | 7. Iwissi lill-BĊE ***biex ma jbaxxix*** ir-rati tal-imgħax malajr wisq, minħabba r-riskju li l-livelli tal-inflazzjoni jistgħu jerġgħu jibdew jiżdiedu; jisħaq li l-BĊE nnifsu qed jistenna żieda temporanja fil-livelli tal-inflazzjoni fl-aħħar trimestru tal-2024 minħabba li t-tnaqqis kbir preċedenti fil-prezzijiet tal-enerġija baxxa r-rati annwali; |

Or. en

**Emenda 87**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***7a. Jissottolinja li l-impatt ta' rati ogħla mhuwiex omoġenju fis-setturi kollha, peress li xi setturi ekonomiċi huma aktar sensittivi għal tali żidiet minħabba li huma aktar dipendenti fuq il-kostijiet tal-finanzjament tad-dejn; jinsab imħasseb li minħabba spejjeż kapitali tal-bidu għoljin għall-bini u l-istallazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin u l-proġetti tal-grilja huma partikolarment milquta minn żidiet fir-rati tal-imgħax li jwasslu għal tnaqqis fir-ritmu tal-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika; jistieden lill-BĊE jevalwa sa liema punt ir-rati tal-imgħax ogħla naqqsu r-ritmu tal-investimenti ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza l-importanza ta' rati tal-imgħax aktar baxxi li jinkoraġġixxu investimenti ikbar, li huma meħtieġa biex jiġu ffinanzjati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jfakkar fid-domanda tar-rapport ta' Draghi għal investiment ikkwantifikat għal EUR 800 biljun;*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-BĊE jieħu miżuri effettivi biex madankollu jappoġġja l-kompetittività u l-investiment pubbliku;*** |

Or. it

**Emenda 90**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jistieden lill-BĊE jivvaluta mill-ġdid il-fattibbiltà tal-applikazzjoni ta' rati tal-imgħax differenzjati biex jappoġġja investimenti mmirati b'mod ċar lejn l-effiċjenza enerġetika u l-enerġiji rinnovabbli; iqis li dan l-approċċ jippermetti lill-BĊE jaġixxi simultanjament fuq il-fatturi tad-domanda u tal-provvista billi jgħolli r-rati biex inaqqas id-domanda aggregata, filwaqt li fl-istess ħin inaqqas ir-rata tal-imgħax ekoloġika biex fatturi speċifiċi min-naħa tal-provvista jiskansaw issikkar bla bżonn;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *8. **Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 92**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri***, u dan ifisser defiċit massimu tal-gvern ta' 3% tal-PDG u dejn tal-gvern ta' 60% tal-PDG, flimkien ma' mogħdija kredibbli lejn it-tnaqqis tad-dejn u d-defiċits eċċessivi, u l-bini ta' riżervi biżżejjed fi żminijiet ta' tkabbir ekonomiku,*** sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; ***jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa li titqies in-nefqa kollha tal-gvern fl-intier tagħha, inkluż l-infiq ekoloġiku u l-investiment;*** |

Or. nl

**Emenda 94**
**Bruno Gonçalves, Carla Tavares, Francisco Assis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi ***kapaċità fiskali permanenti sabiex issir żona monetarja ottimali; jinnota l-importanza ta' investiment pubbliku u*** politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; ***jilqa' d-dikjarazzjoni tal-President Lagarde li l-kriżi ġeopolitika attwali tirrikjedi progress fl-integrazzjoni fiskali tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; ***ifakkar fil-ħtieġa ta' implimentazzjoni rigoruża tal-qafas fiskali l-ġdid biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-politiki fiskali fil-livell tal-unjoni ekonomika u monetarja;*** |

Or. es

**Emenda 96**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u |

| | |
|---|---|
| Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; ***jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jippromwovu r-responsabbiltà fiskali u l-kontroll tad-defiċits u tad-dejn pubbliku biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul;*** |

Or. es

**Emenda 97**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri ***sabiex tkun tista' tirrispondi*** għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li ***s-sistema tal-Euro nbniet fuq il-prinċipju ta' dominanza monetarja; ifakkar li għaldaqstant,*** l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri ***biex jiġi appoġġjat il-mandat tal-BĊE; jinnota li spazju fiskali biżżejjed jippermetti wkoll lill-Istati Membri jirrispondu*** għax-xokkijiet esterni; |

Or. en

**Emenda 98**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali sodi fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; ***jirrimarka li mhux biss permezz ta' miżuri fiskali, iżda wkoll permezz ta' riformi li jsaħħu t-tkabbir, l-Istati Membri jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet esterni;*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Ifakkar*** li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali ***sodi*** fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. ***Jenfasizza*** li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi politiki fiskali ***u investimenti attivi*** fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni***, tappoġġja l-impjiegi u tippromwovi l-effettività tal-politika monetarja***; |

Or. en

**Emenda 100**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi ***politiki*** fiskali ***sodi*** fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; | 8. Ifakkar li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tirrikjedi ***spazju*** fiskali ***sod*** fl-Istati Membri sabiex tkun tista' tirrispondi għax-xokkijiet esterni; |

Or. en

**Emenda 101**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***8a. Ifakkar li f'ekonomija tas-suq ħieles, ir-rwol tal-istituzzjonijiet jeħtieġ li jkun limitat strettament għall-osservanza tat-Trattati, ir-regoli u r-regolamenti fis-seħħ, li jaġixxu bħala garanti tal-osservanza tagħhom mill-istituzzjonijiet u l-operaturi ekonomiċi oħra kkonċernati. L-introduzzjoni ta' kriterji arbitrarji u flessibbiltà à la carte, li tista' taffettwa lil xi pajjiżi għad-detriment ta' oħrajn, se twassal biss għal qafas ta' inugwaljanza u arbitrarjetà li jolqot il-kompetizzjoni ekonomika ħielsa b'kundizzjonijiet ekwi; jenfasizza li l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mill-Istati Membri tal-UE, il-konformità mal-miri tad-defiċit u tad-dejn pubbliku u l-konformità mal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u l-ftehimiet operattivi huma eżempji tajbin ta' dan;*** |

Or. es

**Emenda 102**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 103**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; | 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; ***itenni li finanzi pubbliċi bbilanċjati huma fattur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, peress li jrawmu l-fiduċja fl-istabbiltà ekonomika u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ambjent li jwassal għall-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi;*** |

Or. es

**Emenda 105**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa***; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali*** biex tinżamm ekonomija stabbli u ***għal*** tkabbir sostenibbli; | 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa ***meta dan ikun dovut għal fatturi marbuta mad-domanda; jenfasizza li*** biex tinżamm ekonomija stabbli u ***jkun hemm*** tkabbir sostenibbli***, huwa kruċjali li d-dejn pubbliku jkun sostenibbli; jenfasizza li s-sostenibbiltà tad-dejn tiddependi mhux biss fuq il-kwantità iżda wkoll fuq il-kwalità tal-infiq pubbliku***; |

Or. en

**Emenda 106**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; | 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa ***u b'dan il-mod jipproteġi d-dħul***; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn ***b'mod proporzjonali u gradwali li jkun xieraq għas-sitwazzjoni f'kull pajjiż*** huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; |

Or. pt

**Emenda 107**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa;*** jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli ***u għal tkabbir*** sostenibbli; | 9. jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli***; jenfasizza l-importanza ta' investimenti f'futur*** sostenibbli; |

Or. en

**Emenda 108**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri ***jistgħu*** jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; | 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri ***jeħtieġ li*** jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa ***u l-prezzijiet stabbli***; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; |

Or. nl

**Emenda 109**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri ***jistgħu*** jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex | 9. Ifakkar li politiki fiskali prudenti mill-Istati Membri jikkomplementaw l-isforzi tal-BĊE biex iżomm l-inflazzjoni baxxa; jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit pubbliku eċċessiv u tal-livelli tad-dejn huwa kruċjali biex tinżamm ekonomija |

| | |
|---|---|
| tinżamm ekonomija stabbli u għal tkabbir sostenibbli; | stabbli u għal tkabbir sostenibbli; |

Or. en

**Emenda 110**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 10. ***Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi***; | 10. ***Jinnota li l-politiki monetarji tal-BĊE mmirati lejn it-twettiq tal-mandat primarju tiegħu huma soġġetti għal valutazzjoni tal-proporzjonalità; jinnota li l-valutazzjoni tal-proporzjonalità tqis l-impatt tal-miżuri tal-politika monetarja fuq l-ekonomija usa' u fuq il-politiki ekonomiċi; jenfasizza li, meta jiffaċċja għażla bejn settijiet differenti ta' politiki li jwasslu b'mod ugwali għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE jeħtieġlu jagħżel dawk li jappoġġaw bl-aħjar mod il-politiki ekonomiċi ġenerali fl-UE***; |

Or. en

**Emenda 113**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi; | 10. ***Jenfasizza li, fi 13 mis-27 Stat Membru, il-livell ta' dejn tal-gvern huwa ogħla mis-soll ta' 60% tal-PDG, kif inhu fil-medja taż-żona tal-euro, u li f'għaxar Stati Membri, id-defiċit tal-gvern huwa ogħla mis-soll ta' 3 %, li hu l-medja fiż-żona tal-euro;*** jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi; |

Or. nl

**Emenda 114**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli | 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli |

| | |
|---|---|
| għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta’ dominanza fiskali li dan jinvolvi; | għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta’ dominanza fiskali li dan jinvolvi; ***ifakkar li livelli għolja ta’ interventi mill-istati fl-ekonomija permezz ta’ livell għoli ta' nfiq pubbliku għoli u l-akkumulazzjoni ta’ ħafna dejn ifixklu l-inċentivi tas-suq, jiskoraġġixxu l-investiment privat u jxekklu t-tkabbir ekonomiku;*** |

Or. es

**Emenda 115**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern ***fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta*’ *dominanza fiskali li dan jinvolvi***; | 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern ***fiż-żona tal-euro u jfakkar fid-differenzi tas-sitwazzjoni bejn pajjiż u ieħor f’dan ir-rigward; jieħu nota tax-xejra 'l isfel fid-dejn pubbliku f’xi Stati Membri; jieħu nota tas-surplus fil-baġit previst f’mill-inqas Stat Membru wieħed***; |

Or. pt

**Emenda 116**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta’ dominanza fiskali li dan jinvolvi; | 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta’ dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta’ dominanza fiskali ***potenzjali*** li dan jinvolvi; |

Or. es

**Emenda 117**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar ***il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi***; | 10. Jesprimi tħassib dwar ***miżuri ġodda ta' awsterità li qed jiġu imposti, li jkomplu jaggravaw il-kriżi tal-"għoli tal-ħajja"***; |

Or. en

**Emenda 118**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan jinvolvi; | 10. Jesprimi tħassib dwar il-livelli għoljin ta' dejn u defiċits tal-gvern fi ħdan l-Istati Membri u r-riskji ta' dominanza fiskali li dan ***jista'*** jinvolvi; |

Or. en

**Emenda 119**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jilqa' l-impenn tal-BĊE li jistabbilixxi skema għalkollox Ewropea tal-assigurazzjoni tad-depożiti;*** |

Or. it

**Emenda 120**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Jemmen bis-sħiħ li l-objettivi ekonomiċi ewlenin fis-snin li ġejjin għandhom ikunu livelli għoljin ta' tkabbir soċjalment, ambjentalment u ekonomikament sostenibbli; ekonomija soċjali tas-suq li ġġib magħha kemm gwadanji fil-kompetittività kif ukoll tkabbir fl-impjiegi; jisħaq fuq l-importanza tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-ħarsien tal-istil ta' ħajja Ewropew; jissottolinja li dawn l-objettivi se jintlaħqu l-aħjar f'kuntest ta' stabbiltà makroekonomika;*** |

Or. it

**Emenda 121**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-inflazzjoni globali naqset mill-ogħla livell tagħha ta' 10,6 % f'Ottubru 2022 għal 1,7 % f'Settembru 2024; | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-inflazzjoni globali naqset mill-ogħla livell tagħha ta' 10,6 % f'Ottubru 2022 għal 1,7 % f'Settembru 2024; ***jinnota li l-livelli ta' inflazzjoni jvarjaw ħafna fiż-żona tal-euro: minn 4,3 % fil-Belġju għal 0 % fl-Irlanda;*** |

Or. nl

**Emenda 122**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' ***b'sodisfazzjon kbir il-fatt*** li l-inflazzjoni globali naqset mill-ogħla livell tagħha ta' 10,6 % f'Ottubru 2022 ***għal 1,7 % f'Settembru 2024***; | 11. Jilqa' ***l-fatt*** li l-inflazzjoni globali naqset mill-ogħla livell tagħha ta' 10,6 % f'Ottubru 2022; |

Or. en

**Emenda 123**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jinnota li livelli għoljin ta' inflazzjoni jolqtu b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, li jonfqu proporzjon ikbar tal-baġit tagħhom fuq il-ħtiġijiet; jenfasizza li t-treġġigħ lura tal-inflazzjoni globali u l-inflazzjoni bażi għal-livell fil-mira huwa għalhekk importanti wkoll biex tinżamm il-koeżjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 għal 2,7 % f'Settembru 2024, iżda | 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 għal 2,7 % f'Settembru 2024, iżda |

| | |
|---|---|
| jesprimi t-tħassib tiegħu ***fil-livell*** storikament u b'mod persistenti għoli tagħha; | jesprimi t-tħassib tiegħu ***dwar il-livell*** storikament u b'mod persistenti għoli tagħha; ***jinnota bi tħassib li inflazzjoni bażi għolja tista' tissarraf f'ċifri ogħla ta' inflazzjoni globali;*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 għal 2,7 % f'Settembru 2024***, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu fil-livell storikament u b'mod persistenti għoli tagħha***; | 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 għal 2,7 % f'Settembru 2024; |

Or. es

**Emenda 126**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 ***għal 2,7 % f'Settembru 2024, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu fil-livell storikament u b'mod persistenti għoli tagħha***; | 12. Jilqa' t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta' 7,6 % f'Marzu 2023 ***iżda jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-istat fraġli tal-ekonomija taż-żona tal-euro u dwar il-possibbiltà ta' xejra ta' diżinflazzjoni persistenti***; |

Or. en

**Emenda 127**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás**

**Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilqa’ t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta’ 7,6 % f’Marzu 2023 għal 2,7 % f’Settembru 2024, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu ***fil-livell storikament u*** b’mod persistenti ***għoli*** tagħha; | 12. Jilqa’ t-tnaqqis fl-inflazzjoni bażi mill-ogħla livell tagħha ta’ 7,6 % f’Marzu 2023 għal 2,7 % f’Settembru 2024, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu ***dwar il-livell għoli*** b’mod persistenti tagħha; |

Or. en

**Emenda 128**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jenfasizza li x-xokk min-naħa tal-provvista - ikkawżat mit-tnaqqis rapidu fl-importazzjonijiet tal-enerġija mill-fjuwils fossili - huwa l-mutur ewlieni għall-livell għoli rekord ta' inflazzjoni; jenfasizza li t-tensjonijiet ġeopolitiċi ma ġewx solvuti, u dan sussegwentement jista' jikkawża xokk ieħor min-naħa tal-provvista; jinnota li anke d-dinamika trans-Atlantika l-ġdida taf tkun fattur għall-possibbiltà ta' xokk min-naħa tal-provvista;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jesprimi dispjaċir li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 130**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jesprimi dispjaċir li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jesprimi dispjaċir li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Carla Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jesprimi dispjaċir li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %;*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 133**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jesprimi dispjaċir li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %;*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 134**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jesprimi ***dispjaċir*** li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni li huwa ***proporzjonat mal-livell fil-mira tiegħu ta' 2 %***; | 13. Jesprimi ***tħassib dwar il-fatt*** li l-BĊE ħa aktar minn tliet snin biex jikseb livell ta' inflazzjoni ***konformi mal-mira tiegħu ta' 2 %,*** li huwa ***max-xaqliba l-għolja tal-orizzont fuq terminu medju għall-politika monetarja***; |

Or. es

**Emenda 135**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jiddispjaċih li l-BĊE kien iggwidat fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar ir-rati tal-imgħax primarjament mill-piż tal-imgħax fuq l-Istati Membri u l-banek tagħhom li huma midjunin ħafna, aktar milli mill-mandat primarju tiegħu, jiġifieri l-istabbiltà tal-prezzijiet; ifakkar lill-BĊE li ż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli mhijiex parti mill-mandat tiegħu;*** |

Or. nl

**Emenda 136**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *14. **Jisħaq li l-BĊE kien tard biex jaġixxi meta l-inflazzjoni bdiet tiżdied f'Jannar 2021 u qabeż il-livell fil-mira ta' 2 % f'Lulju 2021; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-valutazzjoni tal-BĊE li l-inflazzjoni kienet mistennija li tkun biss tranżitorja;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 137**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *14. **Jisħaq li l-BĊE kien tard biex*** | ***imħassar*** |

***jaġixxi meta l-inflazzjoni bdiet tiżdied f'Jannar 2021 u qabeż il-livell fil-mira ta' 2 % f'Lulju 2021; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-valutazzjoni tal-BĊE li l-inflazzjoni kienet mistennija li tkun biss tranżitorja;***

Or. pt

**Emenda 138**
**Francisco Assis, Bruno Gonçalves, Carla Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jisħaq li l-inklużjoni ta' akkomodazzjoni okkupata mis-sid (OOH) fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) hija mixtieqa kemm għal raġunijiet ta' rappreżentattività kif ukoll ta' komparabbiltà bejn il-pajjiżi fiż-żona tal-euro; jissottolinja li skont il-BĊE, mill-2011, l-impatt stmat tal-inklużjoni tal-OOH fl-inflazzjoni annwali tal-HICP kien ikun bejn -1,2 u + 0,4 punti perċentwali; jinnota, madankollu, li l-perjodu ta' osservazzjoni huwa qasir meta mqabbel mat-tul taċ-ċikli tas-suq tal-akkomodazzjoni, u d-devjazzjonijiet osservati huma akbar jekk wieħed iħares lejn l-indiċijiet tal-inflazzjoni tal-pajjiż; jesprimi tħassib dwar il-fatt li fiċ-ċikli futuri tas-suq tal-akkomodazzjoni d-differenzi bejn l-HICP bl-inklużjoni u l-esklużjoni tal-OOH jafu jkunu akbar;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-BĊE, b'kontinwità ma' investimenti preċedenti mwettqa taħt il-programmi APP - PEPP tiegħu, iqis it-titolizzazzjoni bħala mezz biex jissaħħaħ is-suq Ewropew kemm għall-oriġinaturi kif ukoll għall-investituri, u jissuġġerixxi li jsiru esperimenti bil-European Secured Notes bħala strument ġdid ta' finanzjament fit-tul għall-SMEs;*** |

Or. it

**Emenda 197**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jieħu nota sew tal-impatt tal-politika monetarja tal-BĊE fuq l-ekonomija reali, jiġifieri fuq is-self miżmum miċ-ċittadini u l-kumpaniji; jittama li x-xejra 'l isfel fir-rati tal-inflazzjoni u l-istabbilizzazzjoni tagħhom jippermettu li jitkompla proċess ta' normalizzazzjoni tal-politika monetarja, u b'hekk jittaffa l-piż fuq l-unitajiet domestiċi;*** |

Or. pt

**Emenda 198**
**Irene Tinagli, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, fir-rieżami tiegħu tal-istrateġija monetarja, irrikonoxxa l-adegwatezza tal-inklużjoni tal-kostijiet relatati mal-akkomodazzjoni okkupata mis-sid (OOH)*** |

***fl-HICP bħala parti minn proġett pluriennali u li, sadanittant, impenja ruħu li jikkunsidra kemm fil-valutazzjonijiet tal-politika monetarja tiegħu kif ukoll fid-deċiżjonijiet tiegħu l-miżuri ta' inflazzjoni disponibbli fir-rigward tal-indiċi OOH indipendenti trimestrali fost is-sett usa' ta' indikaturi tal-inflazzjoni supplimentari li l-BĊE normalment iħares lejhom; jappella għal aċċellerazzjoni tal-pjan direzzjonali sabiex l-OOH tiġi inkluża malajr fl-HICP.***

Or. en

**Emenda 199**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jissottolinja li trażmissjoni uniformi tal-politika monetarja hija essenzjali għall-kisba tal-mandat tal-BĊE li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; jissottolinja li d-diverġenza eċċessiva fir-rendimenti sovrani tagħmel il-kundizzjonijiet tal-kreditu inkonsistenti mat-trażmissjoni uniformi tal-politika monetarja u tikkomplika b'mod partikolari t-tnaqqis tad-dejn pubbliku;*** |

Or. it

**Emenda 200**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jisħaq fuq in-nuqqas ta' valutazzjoni xierqa tal-impatti potenzjali*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-euro diġitali fuq l-istabbiltà finanzjarja, fuq is-sovranità monetarja f'pajjiżi mhux tal-UE, fuq l-ekosistema tal-pagamenti diġitali privati li jirriżultaw mill-preeminenza ta' fornitur pubbliku, fuq il-privatezza taċ-ċittadini, kif ukoll fuq il-kostijiet ekonomiċi għoljin ħafna għall-kontribwenti;*** |

Or. es

**Emenda 201**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-kostijiet u l-benefiċċji ta' dan il-proġett permezz ta' valutazzjoni tal-impatt ġdida qabel ma tkompli tiżviluppah; jitlob lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jivvaluta mill-ġdid b'attenzjoni din l-analiżi tal-impatt ġdida; jindika l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rilevanza u l-adegwatezza tiegħu għall-ħtiġijiet ta' dawk li jfaddlu u tal-investituri taż-żona tal-euro; iqis li huwa urġenti li l-Kummissjoni tesplora modi alternattivi kif tippromwovi, fil-livell ta' fornituri privati, soluzzjoni pan-Ewropea ta' pagamenti diġitali qabel ma timxi 'l quddiem bil-proġett tal-euro diġitali;*** |

Or. es

**Emenda 202**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jenfasizza*** l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa***,*** inklużjoni finanzjarja mtejba ***u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti***; | 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jissottolinja*** l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa ***fil-pagamenti u*** inklużjoni finanzjarja mtejba***; jisħaq li l-komponent offline jista' jirriżulta problematiku b'riżultat tal-kostijiet sinifikanti tal-implimentazzjoni u l-perjodi twal ta' żvilupp, li joffru benefiċċji minimi lill-utenti; jisħaq, barra minn hekk, li l-viżibbiltà limitata ta' informazzjoni fuq il-benefiċjarju u l-pagatur tnaqqas l-effettività tal-PSPs fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-iffinanzjar tat-terroriżmu u l-frodi; għalhekk, il-karatteristiċi doppji offline għandhom jiġu ddisinjati sempliċement bħala soluzzjoni ta' emerġenza għal żmien qasir, sabiex jiġu evitati użu ħażin jew attività illegali***; |

Or. it

**Emenda 203**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jilqa' l-progress*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; | 20. ***Jinnota l-ħidma*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; ***huwa tal-fehma, madankollu, li dan il-proġett għandu jqis l-iżviluppi fir-riforma tas-servizzi ta' pagament fl-Ewropa, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-ewwel Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament u t-tielet Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament; iqis, barra minn hekk, li l-proġett tal-euro diġitali għandu jiġi diskuss b'mod aktar wiesa', mhux biss mal-Parlament Ewropew iżda wkoll mas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, mal-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija;*** |

Or. pt

**Emenda 204**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jilqa' l-progress*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; | 20. ***Jieħu nota tal-progress*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; ***jinnota, madankollu, li għad hemm mistoqsija mhux imwieġba fir-rigward tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, it-tħassib dwar il-privatezza, il-kompetizzjoni ma' soluzzjonijiet ta' pagament privat u l-faċilità tal-użu f'kuntest ta' negozju;*** |

Or. en

**Emenda 205**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett*** tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti***; | 20. ***Jinnota r-riċerka ulterjuri li qed titwettaq mill-BĊE dwar il-proġett*** tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jisħaq li l-affermazzjoni ta' Piero Cipollone ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq tal-pagamenti diġitali, li tkun argument għall-introduzzjoni tal-euro diġitali, ma ġiet appoġġjata minn ebda studju, aħseb u ara minn deċiżjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Ewropea***; |

Or. nl

**Emenda 206**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jilqa'*** l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti;*** | 20. ***Jinnota*** l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; |

Or. es

**Emenda 207**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal*** awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u ***d-disponibbiltà ta'*** sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; | 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; ***jissottolinja li l-euro diġitali għandu jagħti valur miżjud ċar liċ-ċittadini Ewropej, inklużi*** awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba***,*** u sistema offline ***affidabbli*** ta' back-up ta' pagamenti; ***jistieden lill-BĊE jikkomunika b'mod ċar dawn il-benefiċċji biex irawwem il-fiduċja u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; | 20. Jilqa' l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, ***livell ogħla ta' kompetizzjoni fis-suq tal-pagamenti bl-imnut, il-potenzjal li titrawwem l-innovazzjoni fil-pagamenti u l-finanzi,*** inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; |

Or. en

**Emenda 209**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. ***Jilqa' l-progress*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; | 20. ***Isegwi mill-qrib il-progress*** tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, bħal awtonomija strateġika msaħħa, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà ta' sistema offline ta' back-up ta' pagamenti; |

Or. es

**Emenda 210**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jilqa’ l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, ***bħal awtonomija strateġika*** msaħħa***, inklużjoni finanzjarja mtejba u d-disponibbiltà*** ta’ sistema ***offline ta’ back-up ta’ pagamenti***; | 20. Jilqa’ l-progress tal-BĊE fil-proġett tal-euro diġitali, u d-djalogu kontinwu tiegħu mal-Parlament; jenfasizza l-benefiċċji mistennija, ***bħar-reżiljenza*** msaħħa ***tas-sistema ta’ pagament u l-ħolqien*** ta’ sistema ***ta’ pagament pubbliku mingħajr kostijiet***; |

Or. en

**Emenda 211**
**Bas Eickhout**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-euro diġitali jsir universalment aċċessibbli u mhux jiġi ridott għal sempliċi “skema ta’ pagament”; jappella, għalhekk, sabiex is-servizzi tal-euro diġitali jiġu pprovduti minn firxa wiesgħa ta’ intermedjarji kummerċjali, pubbliċi u mingħajr skop ta’ qligħ, lil hinn mill-mandat tradizzjonali tal-banek kummerċjali”;*** |

Or. en

**Emenda 212**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Iqis li l-euro diġitali se jsir storja ta’ suċċess biss jekk jipprovdi valur miżjud tanġibbli għaċ-ċittadini Ewropej, li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jifhmu;*** |

***jinnota li, bħalissa ħafna ċittadini Ewropej jew ma semgħux dwar il-proġett tal-euro diġitali jew għadhom xettiċi dwaru;***

Or. en

**Emenda 213**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Jenfasizza li s-sistema tal-euro diġitali hija waħda ta' pagament alternattiv potenzjali li tista' trawwem il-kompetizzjoni u tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għaċ-ċittadini u d-ditti;*** |

Or. en

**Emenda 214**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20b. Iqis li d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi introdott euro diġitali jew le hija fl-aħħar mill-aħħar deċiżjoni politika li trid tittieħed mil-leġiżlatur tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. ***Itenni*** li l-euro diġitali ***għandu*** jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi***,*** li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | 21. ***Jisħaq li l-flus kontanti fiżiċi jridu jibqgħu pedament tas-sistema ta' pagament tagħna u jipprovdu l-aħjar garanzija ta' inklużjoni finanzjarja; jinnota*** li l-euro diġitali ***jista'*** jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi***; jenfasizza*** li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; |

Or. nl

**Emenda 216**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; ***f'dak il-kuntest, jilqa' l-proposta għal Regolament dwar il-valuta legali tal-flus kontanti tal-euro;*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi | 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi |

| | |
|---|---|
| kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli ***u aċċessibbli fuq skala wiesgħa*** f'kull ħin; |

Or. en

**Emenda 218**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti ***bħala mezz ta' pagament*** u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; |

Or. es

**Emenda 219**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Matthias Ecke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li l-euro diġitali ***għandu*** jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti ***għandhom*** jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | 21. Itenni li l-euro diġitali jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti jibqgħu disponibbli f'kull ħin; |

Or. en

**Emenda 220**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi ***kompletament il-flus*** kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; | 21. Itenni li l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement għall-flus kontanti fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi ***l-flus*** kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin; |

Or. es

**Emenda 221**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Itenni li ***l-euro diġitali għandu jservi bħala komplement*** għall-flus kontanti ***fiżiċi, li ma għandux jissostitwixxi kompletament il-flus kontanti u li l-flus kontanti għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin***; | 21. Itenni li ***l-introduzzjoni tal-euro diġitali għandha tkun komplementari*** għall-flus kontanti***, li għandhom jinżammu sabiex tiġi ggarantita l-pluralità ta' mezzi ta' pagament***; |

Or. it

**Emenda 222**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza li l-euro diġitali għandu jitfassal b'tali mod li jissalvagwardja l-investimenti kontinwi tas-settur privat f'oqsma strateġiċi, b'mod partikolari dawk li jsaħħu t-trasferimenti ta' kreditu istantanji, kif iddikjarat fir-regolament dwar it-trasferimenti ta' kreditu istantanji*** |

| | |
|---|---|
| | ***(ir-Regolament 886/2024 — DPI); barra minn hekk, sabiex tiġi pprovduta assigurazzjoni fuq l-utenti ta' dawn is-servizzi finanzjarji, huwa neċessarju li jiġu evitati l-pożizzjonijiet tas-suq ta' entitajiet mhux Ewropej kif ukoll imposti addizzjonali għall-utenti finali, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu evitati l-kumplessità u l-kostijiet eċċessivi;*** |

Or. it

**Emenda 223**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *22.* ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mudell ta' kumpens għas-settur bankarju, li għandu l-kompitu li jimplimenta b'mod prattiku l-proġett tal-euro diġitali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 224**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *22.* ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mudell ta' kumpens għas-settur bankarju, li għandu l-kompitu li jimplimenta b'mod prattiku l-proġett tal-euro diġitali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 225**

**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mudell ta' kumpens ***għas-settur bankarju, li għandu l-kompitu li jimplimenta b'mod prattiku l-proġett tal-euro diġitali;*** | 22. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mudell ta' kumpens ***ibbażat fuq il-kostijiet, li jeskludi l-pagamenti ta' valur baxx fil-komputazzjoni; ifakkar li l-mudell ta' kumpens irid jiggarantixxi euro mingħajr ħlas għall-utenti tiegħu*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jisħaq ***fuq il-ħtieġa ta' mudell ta' kumpens għas-settur bankarju, li*** għandu ***l-kompitu li jimplimenta b'mod prattiku l-proġett tal-euro*** diġitali; | 22. Jisħaq ***li l-potenzjal tal-euro diġitali se jisparixxi jekk l-euro diġitali*** għandu ***jkun aċċessibbli biss permezz ta' intermedjarji privati; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' euro*** diġitali ***pubbliku***; |

Or. en

**Emenda 227**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jiddubita mill-affermazzjoni mill-BĊE li jista' joffri s-servizzi ta' pagament tiegħu lin-negozjanti b'mod orħos minn atturi privati, speċjalment peress li l-BĊE s'issa naqas milli jipprovdi kwalunkwe*** |

***ċarezza dwar l-istruttura tal-kostijiet; jisħaq li, għalkemm il-mandat tal-BĊE ma jipprevedix motiv ta' profitt, il-BĊE mhuwiex organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, u kwalunkwe profitt jitqassam kull sena lill-azzjonisti tal-BĊE, jiġifieri l-banek ċentrali nazzjonali, u għalhekk l-impożizzjoni ta' tariffi orħos għall-pagamenti bl-euro diġitali se ssir għad-detriment ta' kwalunkwe profitt li għandu jitqassam lill-banek ċentrali nazzjonali; jisħaq li l-BĊE jqassam biss kwalunkwe profitt li jagħmel lill-azzjonisti tiegħu u mhux sabiex jissussidja l-prezzijiet tas-suq tas-servizzi tiegħu;***

Or. nl

**Emenda 228**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Ifakkar fl-importanza tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin għall-euro diġitali, sabiex ma jinħolqux riskji addizzjonali għall-karti tal-bilanċ tal-banek, speċjalment għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.*** |

Or. en

**Emenda 229**
**Auke Zijlstra, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-BĊE jqis kif xieraq it-tħassib dwar il-privatezza madwar l-euro diġitali ***u*** jisħaq li l-iżvilupp tiegħu għandu jsir sistema monetarja awrea f'termini ta' | 23. Jistieden lill-BĊE jqis kif xieraq it-tħassib ***essenzjali*** dwar il-privatezza madwar l-euro diġitali***, f'konformità sħiħa mar-Regolament Ġenerali dwar il-*** |

privatezza għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

***Protezzjoni tad-Data (GDPR), l-Artikolu 12 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR), l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Artikolu 7.1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jinsisti li l-eċċezzjonijiet għad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali stabbiliti fl-Artikolu 7.2 tal-Karta ma għandhomx japplikaw għall-BĊE u għas-settur bankarju fir-rigward tad-data miġbura b'rabta mat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali;*** jisħaq li l-iżvilupp tiegħu għandu jsir sistema monetarja awrea f'termini ta' privatezza għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra; ***jinsisti li l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data jingħataw is-setgħa li jiskrutinizzaw ir-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-BĊE, inkluża valutazzjoni għall-konformità mar-reġimi nazzjonali tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-kartieri tal-euro diġitali tar-residenti tagħhom stess;***

Or. nl

**Emenda 230**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-BĊE ***jqis kif xieraq it-tħassib dwar il-privatezza madwar l-euro diġitali u jisħaq li l-iżvilupp tiegħu għandu jsir sistema monetarja awrea f'termini ta' privatezza għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra***; | 23. Jistieden lill-BĊE ***jipprijoritizza salvagwardji robusti tal-privatezza għall-euro diġitali, filwaqt li jistabbilih bħala sistema monetarja awrea għall-privatezza fis-settur finanzjarju kollu, biex jiżgura l-fiduċja pubblika u jindirizza t-tħassib taċ-ċittadini rigward il-protezzjoni u l-awtonomija tad-data***; |

Or. en

**Emenda 231**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jistieden lill-BĊE jqis kif xieraq it-tħassib dwar il-privatezza madwar l-euro diġitali u jisħaq li l-iżvilupp tiegħu għandu jsir sistema monetarja awrea f'termini ta' privatezza għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra; | 23. Jistieden lill-BĊE jqis kif xieraq it-tħassib dwar il-privatezza madwar l-euro diġitali u jisħaq li l-iżvilupp tiegħu għandu jsir sistema monetarja awrea f'termini ta' privatezza ***u anonimità*** għal istituzzjonijiet finanzjarji oħra; |

Or. en

**Emenda 232**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jikkondividi t-tħassib tal-BĊE rigward iż-żieda tas-settur bankarju parallel u r-riskju li jista' joħloq għall-istabbiltà finanzjarja; jistieden lill-BĊE jintensifika l-monitoraġġ tiegħu tal-iżvilupp tal-kriptovaluti u tar-riskji relatati u t-theddid emerġenti f'termini ta' ċibersigurtà, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu u attivitajiet kriminali oħra; jisħaq fuq l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni adegwata f'dan il-qasam;*** |

Or. en

**Emenda 233**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23a. Jappella sabiex kwalunkwe deċiżjoni biex jitnieda l-euro diġitali ma titteħidx esklużivament mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE; jissottolinja li din għandha tkun deċiżjoni kunsenswali mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, minħabba l-impatt potenzjali profond ta' din id-deċiżjoni fuq il-politika finanzjarja, li tmur lil hinn mill-ambitu strett tal-politika monetarja;*** |

Or. es

**Emenda 234**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23a. Ifakkar li l-BĊE għandu jisma' u jirrispetta lill-Parlament Ewropew u d-deċiżjonijiet tiegħu bħala r-rappreżentant taċ-ċittadini tal-UE u jkun lest li jiffriża l-proġett tal-euro diġitali jekk ma dan jgawdix minn appoġġ suffiċjenti sabiex jinbeda l-istadju ta' implimentazzjoni;*** |

Or. es

**Emenda 235**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-BĊE javvanza l-proġett tal-euro diġitali b'mod determinat; jisħaq li l-euro diġitali jrid ikun mingħajr ħlas għall-użu u, bħala ġid pubbliku; għandu jkun disponibbli permezz ta'*** |

*intermedjarji pubbliċi;*

Or. en

**Emenda 236**
**Dirk Gotink**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-BĊE jqis kif xieraq it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u l-bidliet potenzjali fl-istruttura tas-settur finanzjarju li jirriżultaw mill-introduzzjoni tal-euro diġitali;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-BĊE, flimkien mal-Parlament, iniedi kampanja wiesgħa ta' informazzjoni dwar l-euro diġitali sabiex itaffi t-tħassib taċ-ċittadini;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***23b. Jistieden lill-BĊE jiffoka mill-ġdid l-isforzi tiegħu fuq il-pagamenti diġitali sabiex l-UE jkun jista' jkollha pożizzjoni ta' tmexxija internazzjonali fil-ħolqien ta' munita diġitali bl-ingrossa, bħala mod kif tiġi inċentivata d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, jittejbu l-effiċjenza u l-profondità tas-swieq kapitali u jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro;***

Or. es

**Emenda 239**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***deċiżjonijiet politikament motivati u jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***; jisħaq li ***l-qbiż ta' dan il-mandat jikkonċerna l-indipendenza politika tal-bank ċentrali***; | 24. Jistieden lill-BĊE joqgħod lura milli jieħu ***azzjonijiet politiċi; jissottolinja li l-Artikolu 127 tat-TFUE jistieden lill-BĊE jappoġġa l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-TUE***; jisħaq li ***l-osservazzjoni ta' dan il-"mandat ta' appoġġ" hija, fi kliem il-Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE Frank Elderson, dmir u mhux għażla għall-BĊE***; |

Or. en

**Emenda 240**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament | 24. Jistieden lill-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament |

| | |
|---|---|
| motivati u jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***jisħaq li l-qbiż ta' dan il-mandat jikkonċerna l-indipendenza politika tal-bank ċentrali***; | motivati u jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***jirrikonoxxi li, meta jkun xieraq, il-BĊE jista' jqis l-impatt tad-deċiżjonijiet tiegħu fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fi ħdan l-UE, filwaqt li jevita li jkun hemm indħil fil-qasam fiskali riżervat għall-Istati Membri***; |

Or. en

**Emenda 241**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-BĊE ***joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament motivati u jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; jisħaq li l-qbiż ta' dan il-mandat jikkonċerna l-indipendenza politika tal-bank ċentrali***; | 24. Jistieden lill-BĊE ***jappoġġa l-għanijiet ta' politika ekonomika ġenerali tal-Unjoni, bħal-livell massimu ta' impjiegi***; |

Or. en

**Emenda 242**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-BĊE ***joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament motivati u*** jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***; jisħaq li l-qbiż ta' dan il-mandat jikkonċerna l-indipendenza politika tal-bank ċentrali***; | 24. Jistieden lill-BĊE jimxi mal-mandat tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet***, filwaqt li jirrikorri għall-mandat sekondarju tiegħu f'konformità mal-Artikolu 3 tat-TFUE***; |

Or. en

**Emenda 243**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-BĊE joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament motivati u ***jimxi mal-mandat*** tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***jisħaq li l-qbiż ta' dan il-mandat jikkonċerna l-indipendenza*** politika tal-bank ċentrali; | 24. Jistieden lill-BĊE***, meta jkun qed jaġixxi fuq l-objettivi sekondarji tiegħu,*** joqgħod lura milli jieħu deċiżjonijiet politikament motivati u ***ma jipperikolax il-mandat*** tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; ***f'konformità mal-indipendenza*** politika tal-bank ċentrali; |

Or. en

**Emenda 244**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jinnota li l-BĊE, fir-rapport tiegħu, jiddikjara li l-kompetittività tal-ekonomija taż-żona tal-euro hija affettwata wkoll minn deċiżjonijiet globali dwar il-politiki ta' tranżizzjoni ekoloġika; jistieden lill-BĊE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-politiki ekoloġiċi tal-Unjoni Ewropea qed ixekklu l-kompetittività tal-ekonomija taż-żona tal-euro;*** |

Or. es

**Emenda 245**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***24a. Jistieden lill-BĊE, filwaqt li jirrispetta l-indipendenza tiegħu, jindirizza n-nuqqasijiet tas-suq u jiżgura l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi fuq perjodu ta' żmien twil, filwaqt li jibqa' kemm jista' jkun apolitiku u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità fid-diversi istanzi;***

Or. it

**Emenda 246**
**Bruno Gonçalves, Carla Tavares, Francisco Assis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***24a. Jiddispjaċih ħafna li l-BĊE għadu eċċezzjoni fost il-banek ċentrali peress li ma jinkorporax l-insegwiment ta' impjieg sħiħ fil-mandat primarju tiegħu; iħeġġeġ ir-rieżami ta' dan il-mandat, sabiex jiġi żgurat il-bilanċ soċjali tal-politika monetarja;***

Or. en

**Emenda 247**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***24a. Jissottolinja li l-mandat sekondarju tal-BĊE li jappoġġja l-politiki ekonomiċi fl-Istati Membri għandu jkun applikabbli biss bil-kundizzjoni stretta li jkun kiseb il-mandat primarju tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet.***

Or. en

**Emenda 248**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jenfasizza li, filwaqt li l-istabbiltà tal-prezzijiet hija l-mira primarja tal-BĊE, il-BĊE jeħtieġlu jqis l-għanijiet ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika f'konformità mal-mandat sekondarju tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Ifakkar li, mingħajr preġudizzju għall-objettiv ta' stabbiltà tal-prezzijiet, it-TFUE jirrikjedi li l-BĊE jappoġġa l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE;*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***23b. Ifakkar li l-BĊE ma għandux jieħu miżuri li jagħmlu ħsara lill-kompetittività taż-żona tal-euro f'isem politiki ekoloġiċi globali peress li l-BĊE għandu mandat biex jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet u ma għandux jipperikola dan il-mandat b'objettivi li jaqgħu barra mill-missjoni ewlenija tiegħu; itenni li l-politiki ekoloġiċi għandhom jiġu ġestiti minn atturi oħra fl-UE, u d-deċiżjonijiet tal-BĊE m'għandhomx jinterferixxu mal-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku u l-effiċjenza tas-suq; jitlob li tiġi protetta l-kompetittività sabiex jiġi żgurat ambjent ekonomiku prosperu u ħieles;*** |

Or. es

**Emenda 251**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24b. Jilqa' l-attivitajiet tal-BĊE biex ikompli jsaħħaħ l-għodod u l-kapaċitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Eurosistema sabiex jiġu inklużi aħjar ir-riskji relatati mal-klima u mal-ambjent, b'mod partikolari peress li t-tibdil fil-klima u l-fenomeni estremi tat-temp jistgħu jwasslu għal volatilità akbar tal-prezzijiet, speċjalment fis-settur agroalimentari; jistieden lill-BĊE jkompli l-ħidma tiegħu fuq it-testijiet tal-istress tar-riskju klimatiku żviluppati biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tal-banek u l-korporazzjonijiet fil-konfront tar-riskju tat-tranżizzjoni klimatika;*** |

Or. en

**Emenda 252**

**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jisħaq li limiti ta' depożitu adegwati huma kruċjali biex jiġi promoss l-euro diġitali filwaqt li jiġi stabbilit limitu massimu fuq il-volumi tat-tranżazzjonijiet, fi żminijiet u valuri assoluti ddeterminati minn qabel;*** |

Or. it

**Emenda 253**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu l-aħjar meta s-suq ħieles jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu l-aħjar meta s-suq ħieles jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu l-aħjar meta s-suq ħieles jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment; | 25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu l-aħjar meta s-suq ħieles jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment; ***jissottolinja għalhekk il-ħtieġa li nnaqqsu d-dipendenza enerġetika tagħna mill-fjuwils fossili importati; jisħaq li l-enerġiji nodfa prodotti domestikament inaqqsu l-esponiment tal-ekonomija tal-UE għal xokkijiet esterni relatati mal-enerġija u b'mod ġenerali jkunu propizji għall-mandat tal-BĊE favur l-istabbiltà tal-prezzijiet; jirrikonoxxi f'dan ir-rigward li l-prezz tal-enerġija tal-enerġija nadifa ġġenerata domestikament x'aktarx li jorħos u jsir aktar stabbli fuq terminu medju;*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu ***l-aħjar*** meta s-suq ***ħieles*** jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment; | 25. Jisħaq li l-objettivi sekondarji tal-BĊE jintlaħqu meta s-suq jopera f'ambjent makroekonomiku stabbli, ibbażat fuq livelli ta' prezzijiet prevedibbli, li jinkoraġġixxi l-investiment; ***jissottolinja,*** |

| | |
|---|---|
| | ***madankollu, li l-mekkaniżmi tas-suq waħedhom mhux se jwasslu għal tnaqqis sinifikanti biżżejjed fil-kost tal-kapital għall-investimenti ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Iħeġġeġ lill-BĊE jsegwi miżuri fi ħdan il-mandat tiegħu li jrawmu ambjent makroekonomiku stabbli li jwassal għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, impjiegi, u kompetittività msaħħa tal-UE, filwaqt li jevita interferenza mal-politiki fiskali tal-Istati Membri u jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà;*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-BĊE jinkludi kapitolu speċifiku fir-rapport annwali tiegħu li jispjega kif interpreta u implimenta l-objettivi sekondarji tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Bas Eickhout**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet minħabba r-rwol ta' din il-funzjoni li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-BĊE jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; | 26. Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet minħabba r-rwol ta' din il-funzjoni li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; ***ifakkar li l-istudji mwettqa preċedentement mill-BĊE wrew li t-tfixkil makroekonomiku u finanzjarju fis-suq marbut mat-tibdil fil-klima u l-politiki ta' tranżizzjoni jista' jaffettwa l-implimentazzjoni tal-politika monetarja u l-kapaċità tal-BĊE li jwettaq il-mandat tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet permezz ta' diversi mezzi;*** jistieden lill-BĊE jivvaluta ***aktar*** sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; |

Or. en

**Emenda 260**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet ***minħabba r-rwol ta' din il-funzjoni li tiżgura allokazzjoni*** effiċjenti tar-riżorsi; ***jistieden lill-BĊE*** jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; | 26. Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet ***sakemm ma titfaċċax evidenza ċarissima li tali aġir ikun jippromwovi l-allokazzjoni*** effiċjenti tar-riżorsi; ***Jinnota li l-BĊE, bħala istituzzjoni tal-UE li qed taġixxi fil-limiti tal-mandat tagħha, huwa marbut bl-impenji tal-UE fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-BĊE jkompli*** jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima ***potenzjalment*** jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; |

Or. en

**Emenda 261**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. ***Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet minħabba r-rwol ta' din il-funzjoni li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi;*** jistieden lill-BĊE jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; | 26. jistieden lill-BĊE jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet ***u jappoġġa l-politika ekonomika fl-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 262**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. ***Jisħaq li l-BĊE għandu jipprevjeni distorsjonijiet fil-funzjoni tas-sinjalar tal-prezzijiet minħabba r-rwol ta' din il-funzjoni li tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-BĊE*** jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; | 26. ***Jinnota li l-BĊE, bħala istituzzjoni tal-UE li qed taġixxi fil-limiti tal-mandat tagħha, huwa marbut bl-impenji tal-UE fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-BĊE jkompli*** jivvaluta sa liema punt it-tibdil fil-klima ***potenzjalment*** jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet; |

Or. en

**Emenda 263**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Iħeġġeġ lill-BĊE jirrieżamina l-politiki tiegħu relatati mal-klima, bħad-dekarbonizzazzjoni tal-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu, biex jiżgura li dawn il-miżuri ma jimminawx il-kompetittività tal-UE jew jitbiegħdu mill-prinċipju tan-newtralità tas-suq; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat l-iżvantaġġar ta' industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu jiffaċċjaw spejjeż ta' konformità sproporzjonati meta mqabbla mal-kontropartijiet globali;*** |

Or. en

**Emenda 264**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jisħaq fuq is-sinifikat tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-allinjament soċjoekonomiku;*** |

Or. en

**Emenda 265**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *27. **Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE*** | ***imħassar*** |

***biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess;***

Or. en

**Emenda 266**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *27.* ***Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 267**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li ***l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess***; | 27. Jinsisti li ***l-prinċipju tan-newtralità tas-suq mhuwiex rekwiżit legali; jissottolinja li l-BĊE nnifsu kkonferma li n-newtralità tas-suq ma tissemmiex fil-liġi primarja tal-UE u t-tifsira mogħtija lil tali kunċett fid-dutrina hija estremament eteroġena; jisħaq li intrinsikament, kwalunkwe intervent tal-bank ċentrali jmur kontra l-kunċett tan-newtralità tas-suq, peress li l-banek ċentrali, billi*** |

| | |
|---|---|
| | ***jaġġustaw il-karta tal-bilanċ tagħhom, qed jintervjenu b'mod kostanti biex jinfluwenzaw l-eżiti tas-suq; isostni, għalhekk, li tali kunċett ma jistax joħloq obbligi legali għall-BĊE***; |

Or. en

**Emenda 268**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li l-BĊE ***jirrispetta l-prinċipju*** tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; | 27. Jinsisti li l-BĊE ***jaderixxi strettament mal-prinċipju*** tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess***, filwaqt li jindikaw appoġġ selettiv għal setturi partikolari fuq oħrajn, u dan joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni***; |

Or. en

**Emenda 269**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; | 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; ***tali azzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***m'għandhom bl-ebda mod jipperikolaw l-objettiv primarju tal-BĊE;*** |

Or. en

**Emenda 270**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; | 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu ***f'kull ħin***; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; |

Or. en

**Emenda 271**
**Pascal Canfin, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta ***l-prinċipju*** tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; ***jesprimi dispjaċir*** li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq ***skont id-definizzjoni tiegħu stess***; | 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta ***kemm jista' jkun il-prinċipju*** tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; ***jirrikonoxxi*** li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ ***strettament*** newtrali għas-suq; |

Or. en

**Emenda 272**

**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinsisti li l-BĊE jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; | 27. Jinsisti li l-BĊE ***jrid*** jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità tas-suq fl-operazzjonijiet monetarji kollha tiegħu; jesprimi dispjaċir li l-azzjonijiet tal-BĊE biex jiddekarbonizza l-parteċipazzjonijiet ta' bonds korporattivi tiegħu ma segwewx approċċ newtrali għas-suq skont id-definizzjoni tiegħu stess; |

Or. es

**Emenda 273**
**Marco Falcone**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 274**
**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li*** | ***imħassar*** |

***jirriżultaw mit-tibdil fil-klima;***

Or. en

**Emenda 275**
**Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; ***iħeġġeġ lill-BĊE jwettaq bis-sħiħ il-Pjan tiegħu dwar il-klima u n-natura 2024-2025, inkluż billi jesplora jekk ikunx xieraq li jsiru kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar it-tibdil fil-klima fl-istrumenti u l-portafolli tal-politika monetarja;*** |

Or. en

**Emenda 276**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek ***jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex*** itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima ***u mill-effetti negattivi tal-Patt Ekoloġiku fuq il-prezzijiet, b'mod partikolari tal-materja prima, u fuq l-impjiegi li jistgħu jirriżultaw jekk jittieħed approċċ mhux prammatiku għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika***; |

Or. nl

**Emenda 277**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; ***ifakkar li dan huwa prinċipju sekondarju u ma għandux jaffettwa l-istabbiltà tal-prezzijiet li hija l-objettiv primarju tal-BĊE;*** |

Or. es

**Emenda 278**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. ***Jilqa' l-Pjan dwar il-klima u n-natura 2024-2025;*** jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; |

Or. en

**Emenda 279**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji ***li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima***; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji ***relatati, dment li dawn il-miżuri ma jikkompromettux in-newtralità tas-suq jew jestendu lil hinn mill-mandat ewlieni tal-BĊE***; |

Or. en

**Emenda 280**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà***, sakemm dan ikun ikkwantifikat kif xieraq,*** sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; |

Or. nl

**Emenda 281**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima; | 28. Jistieden lill-BĊE juża l-għodod disponibbli kollha tiegħu biex jiżgura li l-banek jieħdu r-riskju klimatiku bis-serjetà sabiex itaffu r-riskji finanzjarji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima***, mingħajr ma jikkomprometti l-objettiv primarju tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 282**
**Bruno Gonçalves, Carla Tavares, Francisco Assis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jinnota l-profitti rekord fis-settur bankarju taż-Żona tal-Euro, li jirriżultaw mill-ambjent ta' rata tal-imgħax ogħla; iħeġġeġ biex dawn il-profitti jintużaw ħalli jinbnew bafers, u b'hekk tiġi salvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja; jinnota li s-sospensjoni temporanja tad-distribuzzjoni tad-dividendi u tax-xiri lura tal-ishma kienet effettiva biex tissalvagwardja r-reżiljenza tal-banek matul il-kriżi tal-COVID-19; jappella għall-introduzzjoni ta' limitazzjoni vinkolanti fuq id-distribuzzjoni tad-dividendi u x-xiri lura tal-ishma fi żminijiet ta' kriżi;*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Jussi Saramo, Manon Aubry**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politika monetarja ambjentalment sostenibbli fil-forma ta', pereżempju, TLTROs ekoloġiċi, rati tal-imgħax ekoloġiċi jew l-istabbiliment ta' faċilità permanenti għax-xiri ta' bonds ekoloġiċi;*** |

Or. en

**Emenda 284**

**Markus Ferber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Iqis li ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet u ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi stabbli jistgħu jwasslu għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-politika ekonomika ġenerali tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 29. Jissottolinja li rwol internazzjonali msaħħaħ tal-euro jwassal għal rati tal-imgħax aktar baxxi fiż-żona tal-euro, għal żieda fl-istatus għall-UE fix-xena internazzjonali u għal stabbiltà makroekonomika mtejba; | 29. Jissottolinja li rwol internazzjonali msaħħaħ tal-euro jwassal għal rati tal-imgħax aktar baxxi fiż-żona tal-euro, għal żieda fl-istatus għall-UE fix-xena internazzjonali u għal stabbiltà makroekonomika mtejba; ***ifakkar li t-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE;*** |

Or. es

**Emenda 286**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sforzi kollaborattivi biex jitnaqqsu l-ostakli*** |

| | |
|---|---|
| | ***strutturali u regolatorji, inklużi l-kostijiet għoljin ta' konformità u l-ostakli burokratiċi, ħalli jiġu attirati l-investimenti, tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-UE, u tittejjeb il-pożizzjoni taż-żona tal-euro fis-swieq internazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 287**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29b. Jistieden lill-Bank Ċentrali Ewropew jesplora u jevalwa għodod alternattivi għall-mekkaniżmi tradizzjonali, bħad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja dwar ir-rata tal-imgħax, sabiex isaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jiġġestixxi l-inflazzjoni filwaqt li jillimita t-tfixkil ekonomiku;*** |

Or. en

**Emenda 288**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 30. Jistieden lill-BĊE jinvestiga t-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro bl-għan li jżid l-attraenza tiegħu bħala munita ta' riżerva ***u jappoġġja bidliet immexxija mis-suq f'din id-direzzjoni***; | 30. jistieden lill-BĊE jinvestiga t-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro bl-għan li jżid l-attraenza tiegħu bħala munita ta' riżerva***; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tiġi approfondita u kkompletata bħala prerekwiżit għal euro internazzjonali b'saħħtu; jissottolinja l-importanza li l-koleġiżlaturi jibqgħu responsabbli matul it-tfassil tal-euro*** |

| | |
|---|---|
| | ***diġitali*;** |

Or. en

**Emenda 289**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Ifakkar li l-President Lagarde fil-passat kienet iddikjarat li l-kriżi ġeopolitika attwali u persistenti tirrikjedi li navvanzaw fl-integrazzjoni fiskali tal-UE; jilqa' l-appoġġ fit-tul tal-BĊE għal kompletar maħsub sew tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-Unjoni Bankarja, jiġifieri bl-istabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti kompluta, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali; ifakkar li dan jikkontribwixxi għal firxa akbar tar-riskji fi ħdan l-Unjoni Monetarja u l-istabbiltà finanzjarja msaħħa tagħha, kif ukoll li dan ikompli jsaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro u jamplifika l-attraenza tiegħu bħala munita ta' riżerva;*** |

Or. en

**Emenda 290**
**Lídia Pereira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Jinnota li l-pożizzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-BĊE f'diversi okkażjonijiet ġew mifhuma ħażin mill-pubbliku; iqis li huwa importanti, f'dan ir-rigward, li tiġi żviluppata politika ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***komunikazzjoni xierqa; jemmen ukoll li l-BĊE għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili biex jippromwovi l-litteriżmu finanzjarju;*** |

Or. pt

**Emenda 291**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Iħeġġeġ lill-BĊE jappoġġa inizjattivi tal-UE li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq finanzjarji permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, biex b'hekk jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' finanzjament, titnaqqas id-dipendenza minn self bankarju sensittiv għall-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax, u tiżdied ir-reżiljenza tal-SMEs għall-aġġustamenti monetarji;*** |

Or. en

**Emenda 292**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30a. Huwa tal-fehma li l-isforzi biex jinħoloq mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika u provvista adegwata ta' assi sikur Ewropew huma rilevanti għat-tisħiħ tar-rwol tal-euro bħala munita internazzjonali;*** |

Or. es

**Emenda 293**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30b. Jenfasizza li l-ħolqien ta' assi Ewropew sikur imfassal tajjeb jista' jiffaċilita l-integrazzjoni u jgħin biex jittaffew iċ-ċrieki vizzjużi bejn l-emittenti sovrani u s-setturi bankarji nazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 294**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***30b. Iħeġġeġ il-kollaborazzjoni mal-banek ċentrali nazzjonali dwar programmi ta' litteriżmu finanzjarju biex l-individwi u n-negozji jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati;*** |

Or. en

**Emenda 295**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31a. Jistieden lill-BĊE jippromwovi l-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali bħala oqfsa*** |

| | |
|---|---|
| | ***kritiċi għat-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ għat-tkabbir ekonomiku, u l-ħolqien ta' sistema finanzjarja aktar reżiljenti fiż-żona tal-euro;*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31a. Ifakkar lill-BĊE li l-flus kontanti għadhom importanti għaċ-ċittadini Ewropej, inkluż bħala alternattiva ta' riżerva f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, bħala miżura ta' sikurezza kontra rati tal-imgħax negattivi, u għal skopijiet edukattivi;*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31b. Iħeġġeġ lill-BĊE jappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 298**
**Auke Zijlstra, Enikő Győri, Jorge Martín Frías**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. ***Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas*** Basel III***, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju***; | 32. ***Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirfina l-qafas*** Basel III ***għall-banek, mhux biss biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali, iżda wkoll biex dan isir aktar ibbilanċjat, effettiv u proporzjonat, fl-ispirtu tar-rapport Draghi; jiddispjaċih li l-implimentazzjoni Ewropea tiddevja b'mod sinifikanti mill-qafas internazzjonali; isostni li s-superviżjoni bankarja għandha tkun ibbażata fuq riskji reali u mhux fuq kunsiderazzjonijiet sekondarji***; |

Or. nl

**Emenda 299**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Billy Kelleher, Gerben-Jan Gerbrandy, Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li ***se*** jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; | 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li ***dan għandu l-potenzjal li*** jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jiddispjaċih ħafna, madankollu, għad-dewmien fl-implimentazzjoni u n-nuqqas ta' ċarezza rigward l-implimentazzjoni ta' ċertu għadd ta' ġurisdizzjonijiet oħra, peress li dan jirriżultaw f'kundizzjonijiet mhux ekwi fil-livell globali;*** |

Or. en

**Emenda 300**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; | 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jaqbel mal-BĊE li l-posponimenti tad-dispożizzjonijiet ta' Basel III, inkluż ir-rieżami fundamentali tal-portafoll tan-negozjar, mhumiex meħtieġa filwaqt li l-implimentazzjoni rapida tar-regoli ta' Basel III ma tagħmilx ħsara lill-kompetittività tal-banek tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 301**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. ***Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju***; | 32. ***Iqis li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għal politika monetarja effettiva u sistema finanzjarja reżiljenti; iwissi dwar ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità; għalhekk jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III***; |

Or. en

**Emenda 302**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; | 32. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III ***u l-implimentazzjoni tiegħu mill-1 ta' Jannar 2025***, peress li ***dan*** se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; |

Or. en

**Emenda 303**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 32. Jilqa’ l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; | 32. Jilqa’ l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; ***jitlob li l-implimentazzjoni tiegħu ma tiddewwimx;*** |

Or. es

**Emenda 304**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jindika l-ħtieġa urġenti tat-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (imsejħa l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti mill-Kummissjon Ewropea l-ġdida) u l-Unjoni Bankarja bl-Iskema Ewropea ta’ Garanzija tad-Depożiti (EDIS) biex tiżdied ir-reżiljenza tas-settur bankarju tagħna u tittejjeb il-kompetittività taż-żona tal-euro; itenni l-ħtieġa li jiġu eliminati l-ostakoli burokratiċi li jxekklu l-investimenti transfruntiera fl-EU, kif ukoll li jittaffa l-piż fiskali fuq il-kumpaniji, li jiġu ssimplifikati l-oqfsa legali biex jiġi attirat il-kapital, li jitħeġġeġ id-dħul tal-SMEs fis-swieq finanzjarji u li jitrawwem il-litteriżmu finanzjarju fost iċ-ċittadini biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-investimenti; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jintlaħaq qbil rigward Strateġija dwar l-Investituri fil-livell tal-Konsumatur*** |

***li jkollha impatt pożittiv, li tagħti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur aktar protezzjoni, trasparenza u aċċess għal opportunitajiet ta' investiment diversifikati, peress li dawn huma essenzjali għall-fiduċja u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-swieq; ifakkar li hemm bżonn ta' rieda politika biex tiġi avvanzata t-tlestija tal-unjoni bankarja u tal-unjoni tas-swieq kapitali;***

Or. es

**Emenda 305**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jirrakkomanda li, wara t-tnaqqis reċenti fir-rata tal-imgħax, il-BĊE jkompli b'aktar tnaqqis fir-rati bħala parti minn strateġija usa' biex jappoġġa r-reżiljenza ekonomika tal-unitajiet domestiċi u n-negozji li jiffaċċjaw pressjonijiet finanzjarji. Jenfasizza li għandu jiġi segwit tnaqqis addizzjonali biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-kostijiet tas-self, jitħeġġeġ l-investiment, u jissaħħaħ l-aċċess għall-kreditu, biex b'hekk jitrawmu l-istabbiltà u l-irkupru ekonomiku madwar iż-Żona tal-Euro;*** |

Or. en

**Emenda 306**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jilqa' l-appoġġ tal-BĊE għat-*** |

*tlestija tal-Unjoni Bankarja; iħeġġeġ lill-BĊE jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jippermetti fużjonijiet bankarji transfruntiera li, filwaqt li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, jgħinu l-integrazzjoni tas-suq bankarju Ewropew;*

Or. es

**Emenda 307**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32a. Jappella għat-tisħiħ ulterjuri tal-qafas intern tal-BĊE dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, ħalli dan isir konformi mad-Direttiva tal-UE dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi;*** |

Or. en

**Emenda 308**
**Denis Nesci, Francesco Ventola, Giovanni Crosetto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 32b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***32b. Jilqa' l-finalizzazzjoni tal-qafas Basel III, peress li dan se jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju; jissottolinja li, peress li ġuriżdizzjonijiet oħra ma adottawx il-qafas, se jkun fundamentali li jitqies l-impatt potenzjali fuq il-kompetittività tal-banek tal-UE, b'mod partikolari minħabba l-implimentazzjoni tal-FRTB;*** |

Or. en

**Emenda 309**
**Isabel Benjumea Benjumea**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 33. Jappoġġja l-għan tal-BĊE li jżid ir-rappreżentanza tan-nisa billi jħeġġeġ lin-nisa javvanzaw f'dan il-qasam; għalhekk jilqa' inizjattivi bħall-Borża ta' Studju ġdida tal-BĊE għan-Nisa fl-Ekonomija; | 33. Jappoġġja l-għan tal-BĊE li jżid ir-rappreżentanza tan-nisa billi jħeġġeġ lin-nisa javvanzaw f'dan il-qasam; għalhekk jilqa' inizjattivi bħall-Borża ta' Studju ġdida tal-BĊE għan-Nisa fl-Ekonomija; ***itenni li l-ħatriet tal-BĊE għandhom ikunu bbażati fuq proċessi oġġettivi ta' valutazzjoni tal-mertu u tal-kapaċità u mhux fuq kriterji ta' kwota relatati ma' gruppi speċifiċi;*** |

Or. es

**Emenda 310**
**Bas Eickhout**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jiddispjaċih li żewġ membri biss tal-Bord Eżekuttiv u tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE huma nisa; itenni li n-nomini għall-Bord Eżekuttiv għandhom ikunu bbilanċjati bejn il-ġeneri, b'listi mqassra ppreżentati lill-Parlament; jiddispjaċih ħafna li minflok ma pprovdew listi mqassra ta' kandidati, l-Istati Membri reċentement innominaw għadd ta' kandidati ugwali għan-numru ta' pożizzjonijiet vakanti; ifakkar li l-Parlament preċedentement impenja ruħu li ma jikkunsidrax listi mqassra li ma jirrispettawx il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fin-*** |

| | |
|---|---|
| | ***nomini tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE; jistieden lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jagħmlu l-parti tagħhom u jinkorporaw bis-sħiħ il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċessi tal-ħatra tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Evelyn Regner, René Repasi, Irene Tinagli, Aurore Lalucq, Francisco Assis, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke, Nikos Papandreou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jiddispjaċih li l-Kunsill Governattiv tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE attwalment jikkonsisti minn żewġ (2) membri nisa biss; iħeġġeġ lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jissodisfaw l-obbligi tagħhom u japplikaw il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċeduri tal-ħatra tagħhom, sabiex iż-żewġ ġeneri jkollhom opportunitajiet indaqs li jservu bħala gvernaturi tal-bank ċentrali nazzjonali rispettiv tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 312**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jistieden lill-BĊE jkompli u jsaħħaħ id-djalogi tiegħu mal-parlamenti nazzjonali; jemmen li dan isaħħaħ il-leġittimità u l-politiki tal-BĊE;*** |

Or. en

**Emenda 313**
**Engin Eroglu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 33a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***33a. Jistieden lill-BĊE jintroduċi salarji bbażati fuq il-prestazzjoni għal-livelli superjuri tal-maniġment tal-bank ċentrali, biex tiġi inċentivata l-kisba ta' inflazzjoni baxxa;*** |

Or. en

**Emenda 314**
**Jussi Saramo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 34a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***34a. Jilqa' għall-formalizzazzjoni, bil-miktub, tal-prattiki attwali ta' akkontabbiltà bejn il-BĊE u l-Parlament; jenfasizza l-approċċ miftuħ u d-disponibbiltà tal-BĊE fil-konfront tal-Parlament; iħeġġeġ lill-BĊE u lill-Parlament jagħmlu użu sħiħ mill-arranġamenti ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza u jkomplu jsaħħu dawn l-arranġamenti;*** |

Or. en